

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/82

tas-16 ta' Jannar 2017

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2016 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.
- (2) Fis-17 ta' Diċembru 2016 l-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit bis-saħħa tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1718 (2006) ħassar l-ismijiet ta' ħames bastimenti mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Għaldaqstant, l-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

⁽¹⁾ ĠUL 141, 28.5.2016, p. 79.

ANNEX

Il-bastimenti bin-numri IMO elenkati hawn taħt huma mħassra mil-lista li tinsab fl-entrata 20 tal-parti B (Entitajiet) tal-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849:

- (d) Dawnlight 9110236
 - (e) Ever Bright 88 (J Star) 8914934
 - (f) Gold Star 3 (benevolence) 8405402
 - (o) Orion Star (Richocean) 9333589
 - (w) South Hill 5 9138680
-